



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Frar 2021
(OR. en)

5611/21

CDR 8

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti tal-Komitat tar-
Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

li taħtar membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta magħmula mill-Gvern Pollakk,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) L-Artikolu 300(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kumitat tar-Reġjuni jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali li jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) L-Artikolu 305 tat-Trattat jipprevedi li l-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u għadd ugwali ta' membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' ħames snin f'konformità mal-proposti magħmula minn kull Stat Membru.
- (3) Ladarba l-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni skada f'il-25 ta' Jannar 2020, jenħtieġ li jinħatru membri u membri supplenti ġodda.

- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, f'konformità mal-proposti magħmula mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, il-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvern Ċek, Daniż, Estonjan, Ċiprijott, Latvjan, Lussemburgiż, Netherlandiż, Awstrijak, Rumen, Sloven, Slovakk u dak Żvediż. Id-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ħatret ukoll għall-istess perijodu tliet membri proposti mill-Gvern Belġjan, 21 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż, tmien membri u tmien membri supplenti proposti mill-Gvern Irlandiż, 16-il membru u 16-il membru supplenti proposti mill-Gvern Spanjol, 10 membri u 14-il membru supplenti proposti mill-Gvern Taljan, erba' membri u erba' membri supplenti proposti mill-Gvern Malti u tmien membri u tmien membri supplenti proposti mill-Gvern Finlandiż.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

- (5) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102¹, f'konformità mal-proposti magħmula mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, lill-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvern Grieg, Franċiż, Kroat, Litwan, Ungeriż u dak Portugiż, kif ukoll erba' membri u erba' membri supplenti proposti mill-Gvern Belġjan, membru wieħed propost mill-Gvern Bulgaru, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Irlandiż, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Spanjol, 14-il membru u 10 membri supplenti proposti mill-Gvern Taljan u 21 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Pollakk.
- (6) Fit-3 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/144², f'konformità mal-proposti magħmula mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, erba' membri u erba' membri supplenti proposti mill-Gvern Spanjol, kif ukoll membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Finlandiż.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

- (7) Fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/511¹, f'konformità mal-proposti magħmula mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, ħames membri u tmien membri supplenti proposti mill-Gvern Belġjan, membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Ġermaniż u membru wieħed propost mill-Gvern Malti.
- (8) Fit-8 ta' Ġunju 2020, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni li sar legalment effettiv fl-1 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766², f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2019/852 u mal-proposti li saru mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, membru addizzjonali wieħed u membru supplenti addizzjonali wieħed proposti mill-Gvern Estonjan, membru addizzjonali wieħed u membru supplenti addizzjonali wieħed proposti mill-Gvern Ċiprijott, kif ukoll membru addizzjonali wieħed u membru supplenti addizzjonali wieħed proposti mill-Gvern Lussemburgiż.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

- (9) Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1153¹, f'konformità mal-proposti magħmula mill-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, 11-il membru u 12-il membru supplenti proposti mill-Gvern Bulgaru, tliet membri u tliet membri supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż u membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Malti. Dik id-Deċiżjoni ħatret ukoll, għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025, membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Ċiprijott u membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Lussemburgiż.
- (10) Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Gvern Pollakk ippropona l-kandidat tiegħu għas-siġġu supplenti tiegħu li għad fadal. Dak il-membru supplenti jenħtieġ li jinħatar għall-bqija tal-mandat attwali, li huwa sal-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

Artikolu 1

Il-persuna segwenti hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li huwa sal-25 ta' Jannar 2025:

POLSKA

Mr Adam BANASZAK

Member of a Regional Assembly: *Sejmik Województwa Kujawsko - Pomorskiego*.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
